

32003R2307

30.12.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 342/11

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2307/2003**tad-29 ta' Diċembru 2003****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2550/2001 dwar iż-żoni eleġibbli għall-premium tal-mogħoż**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2529/2001 tad-19 ta' Diċembru 2001 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam tan-nagħġa (muntun) u l-laħam tal-mogħża ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

(1) Iż-żoni eleġibbli għall-primjum ta' min jipproduċi l-laħam tal-mogħoż huma mniżżla fl-ANNESS I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2550/2001 tal-21 ta' Diċembru 2001 li jfassal regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2529/2001 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq tal-laħam tan-nagħġa u tal-mogħoż skond skemi ta' premjum u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2419/2001 ⁽²⁾, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 623/2002 ⁽³⁾.

(2) Aktar osservazzjonijiet urew li l-lista ta' żoni ġeografiċi għandha tiġi mibdula. Wara analiżi tas-sistema ta' produzzjoni tal-mogħoż fid-dipartimenti barranin, l-awtoritajiet Franċiżi stabbilixxew li daww id-dipartimenti jilhq u l-kriterji mfassla fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 2529/2001.

(3) Dan l-aġġornament ma jippreġudikax eż *post checks* li għandhom x'jaqsmu mall-kondizzjonijiet għall-talba għall-għajnuna stabbiliti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 2529/2001.

(4) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tan-Nagħġa u l-Mogħoż,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 2550/2001 jiġi mibdul bl-Anness ta' hawn.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jiġi fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara li jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 341, tat-22.12.2001, p. 3.

⁽²⁾ ĠU L 341, tat-22.12.2001, p. 105.

⁽³⁾ ĠU L 95, tat-12.4.2002, p. 12.

L-ANNESS

"L-ANNESS I

Żoni eleġibbli għall-premium tal-mogħoż

1. Franza: Korsica, id-dipartimenti barranin u ż-żoni kollha tal-muntanji fis-sens ta' l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 ⁽¹⁾, li jinsabu barra minn dawk ir-reġjuni.
2. Il-Greċja: il-pajjiż kollu.
3. L-Italja: Lazio, Abruzzi, Molise, Campania, Apulia, Basilicata, Calabria, Sqallija u Sardinja u ż-żoni kollha tal-muntanji fis-sens ta' l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 li jinsabu barra minn dawk in-naħat.
4. Spanja: Il-Komunitajiet Awtonomi ta' Andalusia, Aragon, il-Gżejjer Baleariċi, Castile-La Mancha, Castile-Leon, Catalonia, Extremadura, Galicia (barra mill-Provinċja ta' La Coruña u Lugo), Madrid, Murcia, Rioja, Valencia u l-Canary Islands u ż-żoni kollha tal-muntanji fis-sens ta' l-Artikolu 18 tar-Regolamnet (KE) Nru 1257/1999 li jinsabu barraminn dawk iż-żoni.
5. Il-Portugall: Il-pajjiż kollu, barra l-Azores.
6. L-Awstrija: Iż-żoni kollha tal-muntanji fis-sens ta' l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.
7. Il-Ġermanja: Iż-żoni kollha tal-muntanji fis-sens ta' l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

⁽¹⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 80.